

Brussell, 20 ta' April 2018
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0104 (COD)**

8175/18
ADD 2

JAI 328
FRONT 96
VISA 83
FAUXDOC 28
CODEC 591
IA 104
FREMP 53

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' April 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 111 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENTO TAL- PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal- karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2018) 111 final.

Mehmuż: SWD(2018) 111 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.4.2018
SWD(2018) 111 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti
ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li
jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu**

{COM(2018) 212 final} - {SEC(2018) 195 final} - {SWD(2018) 110 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-Impatt dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tisfih tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhil-problema li qed tiġi indirizzata? Massimu ta' 11-il linja

Il-problemi ewlenin indirizzati mill-inizjattiva, li jaffettwaw il-moviment liberu u s-sigurtà interna, huma:

- sigurtà insuffiċjenti tal-karti tal-identità nazzjonali u d-dokumenti ta' residenza maħruġa mill-membri tal-familja li mhumiex mill-UE;
- aċċettazzjoni insuffiċjenti mill-entitajiet pubbliċi u privati tal-karti tal-identità u tad-dokumenti ta' residenza;
- kumplessità fil-ħruġ, fl-ittrattar u fl-amministrazzjoni ta' dawn id-dokumenti.

Dawn il-problemi huma xprunati prinċipalment minn differenzi u inkonsistenza fil-format, fid-disinn u t-tqassim tal-karti tal-identità u tad-dokumenti ta' residenza, u koordinazzjoni, sensibilizzazzjoni u taħriġ insuffiċjenti għall-partijiet interessati involuti fl-ittrattar ta' dawn id-dokumenti. Dawn il-problemi jagħmluha aktar diffiċli biex jiġi identifikat b'mod affidabbli d-detentur tad-dokument u jiġu awtentikati d-dokumenti u jiżdied ir-riskju li dawn jintużaw f'żewġ jew jidur rifjutati bi żball (pereżempju fi qsim tal-fruntieri, waqt reġistrazzjoni amministrattiva, meta jiġu aċċessati servizzi). Dan kollu jwassal għal piż konsiderevoli u kost għal (a) iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom meta jivvjaġġaw jew jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu; (b) awtoritajiet pubbliċi, bħal gwardji tal-fruntiera; u (c) entitajiet tas-settur pubbliku u privat, bħas-servizzi tas-sigurtà soċjali, banek u linji tal-ajru.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva? Massimu ta' tmien linji

L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa doppju:

- li titjeb is-sigurtà fl-UE u mal-fruntieri tagħha;
- li jiġi ffaċilitat id-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament fl-UE.

L-objettivi speċifiċi tal-proposta huma:

- li titjeb l-aċċettazzjoni u l-awtentikazzjoni tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza u jitnaqqas il-frodi tad-dokumenti;
- li titjeb l-identifikazzjon tan-nies abbażi tad-dokumenti tal-identità;
- li titqajjem kuxjenxa dwar dawn id-dokumenti u d-drittijiet marbuta magħhom, inkluż permezz ta' taħriġ;
- li tiġi ssimplifikata l-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini, titnaqqas il-burokrazija żejda u jitnaqqas l-ispejjeż għall-partijiet interessati kollha.

X'inhil-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà) Massimu ta' seba' linji

Tenħtieġ azzjoni tal-UE biex tippromwovi l-moviment liberu tal-persuni u jiżdied il-livell tas-sigurtà fl-UE billi ż-żewġ kwistjonijiet għandhom dimensjoni transfruntiera u ma jistgħu jiġu indirizzati mill-Istati Membri individwali biss. Jenħtieġu miżuri konsistenti u xierqa biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati. Dan jeħtieġ approċċ komuni madwar l-UE kollha biex ikun hemm konsistenza mar-regoli l-ġodda dwar il-format u l-elementi ta' sigurtà tad-dokumenti tal-identità u ta' residenza u tiġi promossa l-kooperazzjoni transfruntiera. Jekk ma jiġux koordinati l-miżuri nazzjonali, dawn jistgħu joħolqu aktar problemi (u konsegwentement spejjeż sinifikanti) għaċ-ċittadini Ewropej, għall-awtoritajiet nazzjonali jew għan-negozji/għas-settur privat.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex? Massimu ta' 14-il linja

L-għażliet huma raggruppati: (a) karti tal-identità; (b) dokumenti ta' residenza u (c) proċess, biex jirriflettu l-miżuri speċifiċi meħtieġa biex jiġu indirizzati l-problemi ta' kull grupp. Dawn ma jistgħux jitqabblu ma' xulxin.

Għażla 0: iż-żamma tal-*istatus quo*;

Għażliet ID: format u sigurtà tal-karti tal-identità

- **ID SOFT):** miżuri mhux leġislattivi relatati mal-karti tal-identità (bħas-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ)
- **ID 1):** ID SOFT, flimkien mat-twaqqif ta' rekwiżiti minimi komuni għall-format u s-sigurtà tal-karti tal-identità
- **ID 2):** ID SOFT, flimkien ma' ID 1), b'format komuni għall-karti tal-identità, inkluż marki tas-swaba' obligatorji

- **ID3**): ID SOFT bil-possibbiltà li tinħareġ karta tal-identità tal-UE flimkien ma' karti tal-identità nazzjonali

Għażliet RES: format u sigurtà tad-dokumenti ta' residenza

- **RES SOFT**): miżuri mhux leġislativi relatati mad-dokumenti ta' residenza
- **RES 1**): RES SOFT flimkien mal-armonizzazzjoni ta' ammont limitat ta' dejta tad-dokumenti ta' residenza
- **RES 2**): RES SOFT flimkien ma' RES 1) b'format komuni għad-dokumenti ta' residenza tal-membri tal-familja li mhumiex mill-UE.
- **RES 3**): RES SOFT flimkien ma' RES 1) b'format komuni għad-dokumenti ta' residenza kollha,

Għażliet PROĊESS: proċess biex jinħarġu dokumenti u tinqasam informazzjoni bejn l-Istati Membri

- **PROĊESS SOFT**): jiġu promossi aktar għażliet u għażliet aħjar biex jintalbu u jinħarġu dokumenti
- **PROĊESS 1**): PROĊESS SOFT u l-kapaċità li jinħarġu karti tal-identità permezz ta' networks konsulari

L-għażliet ippreferuti huma **ID 1), RES 2) u PROĊESS SOFT**).

Liema għażla u min jappoġġgaha? Massimu ta' seba' linji

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill jidher fuq l-importanza tas-sigurtà tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza. F'ħafna awtoritajiet nazzjonali u NGOs jappoġġjaw miżuri ta' liġijiet mhux vinkolanti għat-tipi kollha ta' dokumenti (l-għażliet SOFT kollha). Xi awtoritajiet nazzjonali li jindirizzaw il-kwistjoni dwar il-moviment liberu (AT, CZ, HR, DK, NL, MT u PL) ma jarawx il-ħtieġa għal leġislażzjoni, filwaqt li oħrajn jiffavorixxu l-introduzzjoni ta' elementi minimi għall-karti tal-identità (ID 1) (BG, CY, DE, EE, EL, FI, IE, PT, RO, SI u SK). Diversi awtoritajiet nazzjonali (CY, DK, EE, FR, EL u LU) jiffavorixxu mill-inqas l-armonizzazzjoni tal-karti ta' residenza għal membri tal-familja li mhumiex mill-UE abbażi tal-format uniformi għall-permessi ta' residenza (RES 2). Il-parti l-kbira taċ-ċittadini tal-UE li ġew ikkonsultati jappoġġjaw l-armonizzazzjoni usa' tal-UE tal-karti tal-identità (ID 2), u jaqblu ma' armonizzazzjoni ġenerali tad-dokumenti ta' residenza (RES 3).

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? Massimu ta' 12-il linja

L-għażliet ippreferuti se jkollhom benefiċċji diretti f'ħafna oqsma, għalkemm dawn mhumiex faċilment kwantifikabbli. L-evidenza disponibbli turi li titjib fl-aċċettazzjoni tad-dokumenti u fis-sigurtà tad-dokumenti se jwassal għal iffrankar dirett u rikorrenti tal-ispejjeż u tnaqqis fil-piż amministrattiv għaċ-ċittadini u l-membri tal-familja tagħhom, l-amministrazzjonijiet pubbliċi (pereżempju gwardji tal-fruntiera li jikkontrollaw id-dokumenti) u l-operaturi ta' servizzi pubbliċi u privati (pereżempju linji tal-ajru, saħħa, banek u fornituri tal-assigurazzjoni u tas-sigurtà soċjali).

Il-benefiċċji indiretti tal-għażliet preferuti se jinkludu tnaqqis fil-frodi tad-dokumenti u fis-serq ta' identità u titjib ġenerali fil-livell tas-sigurtà (tnaqqis tal-kriminalità, frodi u terroriżmu) fl-UE u mal-fruntieri tagħha. Il-moviment liberu tal-persuni wkoll se jiġi ffaċilitat, għaliex id-dokumenti mtejbja jkunu jippermettu użu aktar mgħaġġel, aktar faċli u aktar sigur tad-dokumenti.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? Massimu ta' 12-il linja

Il-miżuri tal-liġijiet mhux vinkolanti jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri.

L-ispiża ta' konformità (ta' darba) ta' introduzzjoni gradwali fid-dokumenti aġġornati se tvarja minn Stat Membru għal ieħor, skont il-kwalità tad-dokumenti attwalment maħruġa. F'ħafna każijiet, il-kostijiet se jiġu minimizzati billi l-introduzzjoni gradwali tiġi allinjata maċ-ċiklu tas-sostituzzjoni naturali tad-dokumenti. Għall-karti tal-identità nazzjonali u l-karti ta' residenza għall-membri tal-familja li mhumiex mill-UE, l-Istati Membri jistgħu jibnu fuq l-infrastruttura eżistenti (apparat għall-qari tal-karti, skanners tad-dokumenti, tagħmir biex tittieħed u tiġi vverifikata dejta bijometrika) u l-proċessi ta' produzzjoni għall-passaporti u l-permessi ta' residenza. Mhumiex mistennija kostijiet amministrattivi u regolatorji addizzjonali sinifikanti.

Biex ikun hemm benefiċċji aktar mgħaġġla fuq is-sigurtà, l-eliminazzjoni gradwali ta' karti tal-identità aktar dgħajfa se toħloq kostijiet f'għadd ta' Stati Membri. L-eliminazzjoni gradwali ta' karti ta' residenza li mhumiex konformi għall-membri tal-familja li mhumiex mill-UE wkoll se jwassal għal xi kostijiet addizzjonali (ta' darba). Dawn il-kostijiet se jkunu proporzjonati mal-ħeffa tal-eliminazzjoni gradwali.

Jekk il-kostijiet ta' konformità għal dokumenti ġodda humiex se jiġu trasferiti fuq iċ-ċittadini jiddependi mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, L-għażla ppreferuta mhu se jkollha l-ebda impatt sinifikanti fuq il-kost tan-negożji.

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi? Massimu ta' tmien linji

L-għażla ppreferuta se tippermetti li n-negozji, inklużi l-SMEs u l-mikrointrapriżi, ikollhom aktar fiduċja fid-dokumenti ta' identifikazzjoni ppreżentati mill-klijenti potenzjali minn Stati Membri oħra u għaldaqstant jitwessgħu l-opportunitajiet tan-negozji. Dan huwa ta' interess partikolari għall-intrapriżi iżgħar li ma għandhomx il-mezzi finanzjarji u personali biex jiżviluppaw proċessi, kompetenza u taħriġ tal-persunal biex jindirizzaw l-identifikazzjoni tad-dokumenti b'mod korrett, It-titjib fil-konsistenza fir-rigward tat-tipi diversi ta' dokumenti se joffri wkoll xi opportunitajiet għall-produtturi tal-karti.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? Massimu ta' erba' linji

L-impatti finanzjarji se jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, skont il-firxa tal-bidliet meħtieġa (spiża ta' konformità għal introduzzjoni gradwali) u kemm jiġi implimentat malajr dan it-titjib (spiża ta' konformità għal eliminazzjoni gradwali). Il-kostijiet jiġu minimizzati billi t-tibdil mistenni jkun sinkronizzat fil-parti l-kbira tiegħu maċ-ċiklu ta' sostituzzjoni naturali.

L-amministrazzjonijiet nazzjonali kollha eventwalment se jibbenefikaw mill-iffrankar fil-ħin fl-amministrazzjoni u fis-servizzi pubbliċi.

Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra? Massimu ta' sitt linji

L-għażla ppreferuta se jkollha impatt fuq id-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 7 tal-Karta dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-Artikolu 8 dwar id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali. Se jiġi segwit l-istess approċċ bħal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-passaporti bijometriċi u l-permessi ta' residenza. Se jitqiesu sensitivitajiet speċifiċi rigward il-ġbir tad-dejta bijometrika tal-minorenni. L-għażla ppreferuta se tiżgura salvagwardji u tigarantixxi d-dritt tas-suġġett tad-dejta li huwa applikabbli skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta inkluż id-dritt għal rimedju effettiv.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika? Massimu ta' erba' linji

Apparti monitoraġġ regolari, ġie propost li l-Kummissjoni tippreżenta rapport ta' implimentazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-miżuri leġiżlattivi.